MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

Il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru, 2022

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-10:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 45.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

45.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

45.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 45.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

45.2.1 Is-Sindku qal li tkellem mal-Kunsill tal-Birgu sabiex issir l-avveniment ġewwa San Lawrenz pero s'issa għadu bla risposta.

45.2.2 Is-Sindku informa l-Kunsill li l-manutenzjoni ta' Triq ir-Rokon lesta u saret grazzi għallħaddiema tal-Kunsill, b'hekk l-unika spiza kienet it-trakkijiet ta' cement.

45.2.3 Is-Sindku informa li għall-pittura li ser tingħata lill-Kappillan fil-pussess tiegħu, ġab stima ta' €500.00 mingħand l-artist Pawlu Camilleri Cauchi. Il-Kunsill qabel unanimament.

45.2.4 Is-Sindku informa li għall-applikazzjoni tal-EMW ġejna infurmati li ħadna l-fondi erbgħa t'ijiem biss qabel ma kellha tibda l-ewwel event. Is-Sindku qal hu kiteb lit-Transport Malta fejn ilmenta dwar it-timeframes li ma humiex aċċettabli. Ma huwiex possibbli li ttella ġimgħa sħiħa ta' avvenimenti meta ħadd ma hu avżat u ordnat. Il-Kunsill qabel unanimament.

45.2.5 Is-Sindku qal li talab lill-LESA biex isir monitoring tal-bring in sites mill-cameras tal-Kunsill stess. Il-LESA bagħtu kuntratt sabiex jiġi rivedut mill-avukat u wara jiġi iffirmat mill-Kunsill sabiex jingħata l-aċċess lilhom. Il-Kunsill qabel unanimament.

45.2.6 Is-Sindku qal li kellu rikjesta mingħand il-librara tal-Kunsill fejn talbet li flok fil-14:30 il-librerija tibda tiftaħ fil-14:00, b'hekk inkunu qed nilħqu wkoll it-tfal tal-iskola. Il-Kunsill qabel unanimament.

45.2.7 Is-Sindku wera s-sodisfazzjoni għall-fatt li f'San Lawrenz qed isir monitioring mill-Community Police fejn saħansitra qed iwaqqfu trakkijiet għall-overspeeding u wkoll trakkijiet mhux mgħottija.

45.2.8 Is-Sindku qal li fi 1 ta' Novembru qed jipproponi li ssir ħarġa għall-Malta. Il-Kunsill qabel unanimament.

45.2.9 Is-SE qalet li ħarġu fondi mill-LESA fejn hemm skema għall-green initatives. Is-Sindku qal li hu jipproponi li napplikaw għall-electric vehicle kif ukoll mosaic wall fid-daħla tar-raħal. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw.

## 45.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

45.3.1 Il-kunsillier Joseph Cauchi qal li ħdejn it-Tatitas restaurant hemm bozza tpetpet.

45.3.2 Il-viċi sindku Anthony Formosa qal li Triq il-Wileġ għandha bzonn ta' patching. Is-Sindku qal li l-proġett ta' trenching mill-EneMalta suppost daqt isir u b'hekk jista jkun proġett wieħed.

## 45.4 Uzu tal-Van tal-Istudenti tal-Iskola;

45.4.1 Is-Sindku qal li propona sabiex ma jintilfux tfal mill-iskola ta' San Lawrenz, wieħed mill-ħaddiema ikun assenjat biex iwassal it-tfal lejn l-iskola. Is-Sindku kompla jgħid li wara li tkellem mall-ħaddiema ħassew li din kienet responsabilita'allura l-Kunsill offra offra li l-van tkun hemm sabiex drivers assenjati mill-education ikunu jistgħu juzawha għall-dan l-iskop. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 45.5 Adjudication tat-Tender tal-Perit;

45.5.1 Is-SE qalet li l-bord għadu ma għalaqx l-adjudication peress li kien jonqos xi clarifications.

## 45.6 Proġett ta' Colle Umberto;

45.6.1 Is-Sindku qal li flimkien mal-istaff qed jaħdem fuq il-proġett fejn qed jipprepara programm mal-grupp ta' Colle Umberto bejn 7 – 11 ta' Diċembru 2022 . Hu kompla jgħid li qed jipproponi li nibdew nixtru l-flights tickets peress li kuljum qed jolgħew fil-prezzijiet u hemm limitazzjoni fil-postijiet. Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw il-flight tickets kif ukoll inzommu depozitu tas-somma totali ta' €225.00 għall-kull min hu interessat li jigi fuq il-proġett eskluz l-istaff u membri tal-Kunsill.

## 45.7 Attivitajiet tal-Milied;

45.7.1 Is-Sindku qal li rigward l-applikazzjoni mad-DLG għall-fondi għall-attivitajiet tal-Milied għadu ma ħareġ xejn. Is-Sindku qal li hu jipproponi li allavolja bla fondi, Swejjaq tal-Milied isir xorta. Is-Sindku ressaq il-proposta wkoll li t-tiżjin tal-Milied għandu jsri mill-Kumitat tal-Festa u jkun kumpensat. B'hekk fil-waqt li l-Kumitat ikun qed jagħti servizz aħna nkunu qed ngħinu lill-kumitat finanzjarjament. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 45.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

45.8.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

45.8.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 45.6.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

45.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:30 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Ħamis, 27 ta' Ottubru 2022 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv